# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-11 t'April, 2018.**

**Rikors Numru 101/2014**

**BCL Gaming Limited**
**(C – 51972)**

**vs.**

***Sparkasse Bank Malta Public Limited Company***
**(C – 27152)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi hi s-socjeta` registrata u inkorporata f'Malta, licenzjata mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u Loghob Iehor biex tipprovdi servizzi ta' "*Remote Gaminig*", (ara foll 6);

1.2. Illi s-socjeta` "*Betclass Limited*" hi wkoll inkorporata f'Malta u toffri servizzi ancillari ghal dawk tas-socjeta` rikorrenti u iffirmat kuntratt ta' self datat il-21 t'April, 2011, li permezz tieghu l-bank intimat sellef lis-socjeta` "*Betclass Limited*" erbghin elf euro, (€40,000.00), (ara foll 8);

1.3. Illi bhala garanzija s-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti offriet bhala rahan "*Term Deposit Account*" li kellha mal-Bank intimat, (ara wkoll foll 12);

1.4. Illi sussegwentement giet iffirmata zieda ohra mhux datata mal-istess ftehim li permezz tieghu kellhom isiru xi tibdiliet zghar, (ara foll 13);

1.5. Illi din iz-zieda u *annex* anness maghha kienu iffirmati u kien itterminat u rilaxxat ir-rahan it-"*Term Deposit Account*" fuq riferit u minflok, is-socjeta` rikorrenti poggiet bhala rahan *"current account"* taghha stess mizmum mal-bank intimat, (ara foll 2);

1.6. Illi l-persuna li iffirma z-zieda fuq riferita ghan-nom ta' *Betclass Limited* u ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti kien Gianni Dorini, (ara foll 14);

1.7. Illi l-imsemmi Dorini:

1.7.1. Hu cittadin Taljan;

1.7.2. La jifhem u lanqas jaf jaqra l-Ingliz;

1.8. Illi l-bank intimat m'infurmax lil Dorini li kien qieghed ipoggi dan il-kont in sostituzzjoni tar-rahan fuq riferit favur il-bank *de quo*;

1.9. Illi *stante* li parti mill-flus li kien hemm fl-imsemmi kont kien jappartjeni lill-klijenti tas-socjeta` rikorrenti u mhux lilha, allura qatt ma kien jersaq biex jiffirma l-istess ftehim ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti u dan seta' ukoll

jippregudika l-licenzja tal-Lotteriji u Loghob li s-socjeta` rikorrenti ghandha;

1.10. Illi Dorini jsosstni li meta iffirma z-zieda de quo ma kienx infurmat b'dan;

1.11. Illi Dorini ma kellux ghalfejn jiddubita dan ghaliex f'zewg (2) okkazjonijiet separati l-istess bank intimat kien irrikonoxxa li l-kont appartenenti lis-socjeta` kien fil-fatt "*clients account*" u ghalhekk l-imsemmi bank ma kienx se jezercita xi drittijiet fuq tali kont, (ara foll 16 u 17);

1.12. Illi fit-22 t'Ottubru, 2013, l-istess bank informa lis-socjeta` rikorrenti li ma kienx qed jirrikonoxxi l-imsemmi kont bhala "*clients account*", u dan, b'mod retroattiv mid-data tar-rahan in kwistjoni, (ara foll 18);

1.13. Illi s-socjeta` rikorrenti irrispondiet ghal dan permezz t'ittra datata t-23 t'Ottubru, 2013, u rribattiet il-lanjanza tal-bank intimat, (ara foll 19 u 20);

1.14. Illi ghalkemm is-socjeta` *Betclass Limited* – is-socjeta` debitrici principali – halset il-pagamenti lill-bank intimat, dan xorta hedded li kien ser jigbor is-self in kwistjoni u ghalhekk jezercita d-dritt li ghandu fuq l-imsemmi kont, (ara foll 22 u 23);

1.15. Illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma riedet u fil-fatt lanqas kienet taf li kienet qed tpoggi bhala rahan il-kont in kwistjoni;

1.16. Illi dan gara bi zball u/jew b'qerq, malafede u ghemil doluz tal-bank intimat li talab lil Dorini biex jiffirma z-zieda fuq indikata meta ma kienx infurmat mill-bank intimat li hu kien qieghed ipoggi kontijiet tal-klijenti tas-socjeta` rikorrenti bhala rahan ghas-self li kienet hadet is-socjeta` "*Betclass Limited*" – u dan meta ma kienx jaf jaqra bl-Ingliz – il-lingwa li biha kienet miktuba z-zieda li fiha kien introdott ir-rahan *de quo*;

1.17. Illi l-bank intimat dejjem irrikonoxxa li l-kont in kwistjoni kien kont tal-klijenti u f'zewg (2) okkazjonijiet irrilaxxa

ittra lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u Loghob Iehor f’ dan is-sens;

1.18. Illi hu biss issa, wara sentejn (2), li qed jargumenta mod iehor;

1.19. Illi jekk il-bank intimat japproprja ruhhu minn dan il-kont ikun qieghed jiehu flejjes appartenenti lil terzi persuni u dan, bi ksur tal-obbligi fiducjarji tieghu;

1.20. Illi s-socjeta` rikorrenti talbet b’success il-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni kontra l-bank intimat biex dan ma jmissx il-fondi fl-imsemmi kont, (ara foll 24);

1.21. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.21.1. Tiddikjara li l-ftehim bejn is-socjeta` rikorrenti u l-bank intimat senjatament l-“*Annex to the Addendum – Pledge Agreement*” minghajr data fejn l-istess socjeta` rikorrenti poggiet il-kont numru 10.00.0022273.000 bhala rahan favur il-bank intimat sar bi zball min-naha tar-rikorrenti u/jew sar b’ghemil doluz min-naha tal-bank intimat;

1.21.2. Tiddikjara li l-ftehim fuq riferit bejn is-socjeta` rikorrenti u l-bank intimat li permezz tieghu l-istess socjeta` rikorrenti poggiet il-kont riferit fil-paragrafu precedenti favur il-bank intimat hu null u minghajr effett;

1.21.3. Taghti dawk l-ordnijiet li jidrilha opportuni fil-kaz li jigu milqugha l-ewwel zewg (2) talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

1.21.4. Bl-ispejjez kontra l-bank intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta’ Frar, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghall-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-6 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha l-bank intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 37):

3.1. Illi hu minnu li s-socjeta` "*Betclass Limited*" iffirmat ftehim ta' self datat il-21 t'April, 2011, mal-bank intimat li permezz tieghu issellfet €40,000.00, (ara foll 8);

3.2. Illi hu wkoll minnu li bhala garanzija l-istess socjeta` imsemmija fil-paragrafu precedenti offriet "*Term Deposit Account*" li hi kellha mal-istess bank intimat bhala rahan;

3.3. Illi tikkonferma wkoll li kienet giet iffirmata zieda bejn il-bank intimat u s-socjetajiet "*Betclass Limited*" u "*BCL Gaming Limited*";

3.4. Illi ghakemm l-imsemmija zieda ma kienitx datata jirrizulta car mill-"*e-mail*" t'Anton Zammit tas-socjeta` "*BCL Gaming Limited*" datata s-6 ta' Marzu, 2012, li din iz-zieda kienet imwassla lill-bank intimat iffirmata mis-socjeta` "*BCL Gaming Limited*" u mis-socjeta` *Betclass Limited* nhar il-5 ta' Marzu, 2012, (ara foll 41);

3.5. Illi rizultat taz-zieda *de quo* kien itterminat ir-rahan tat-"*Term Deposit Account*" li kienet offriet is-socjeta` "*Betclass Limited*" lill-bank intimat liema rilaxx kien gie accettat peress li s-socjeta` rikorrenti issosstitwiet l-istess garanzija b'rahan ekwivalenti favur l-istess bank fuq kont kurrenti taghha stess;

3.6. Illi Dorini mhux kredibbli fl-affermazzjoni tieghu li ma kienx jaf dak li kien qed jiffirma ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti;

3.7. Illi s-socjeta` rikorrenti hi Maltija u hi inkorporata taht il-ligijiet Maltin;

3.8. Illi Dorini kien jaf x'qed jiffirma u li jghid li ma jafx bl-Ingliz mhix skuza valida fil-ligi;

3.9. Illi Dorini hu involut f'diversi negozji u socjetajiet f'Malta u m'hemm l-ebda dubju li dak li jaghmel jaghmlu wara li jkun ikkonsulta ruhhu mal-konsulenti Maltin tieghu;

3.10. Illi m'hemmx dubju li dan Dorini jiffirma dokumenti bl-Ingliz fuq bazi regolari;

3.11. Illi lokalment l-uzu tal-lingwa Ingliza hi haga normali u mhix differenti minn dak uzat fuq dokumenti ohra mill-istess socjeta` rikorrenti u mill-istess Dorini;

3.12. Illi l-istess socjeta` rikorrenti issosstni li parti mill-flus fil-kont fuq indikat jappartjeni lill-klijenti u mhux lilha;

3.13. Illi pero` fiz-zieda s-socjeta` rikorrenti tiddikjara li r-rahan *de quo* mhux suggett ghal xi drittijiet ta' terzi;

3.14. Illi d-dokumenti a foll 16 u 17 imorru ghall-perjodu precedenti ghall-ftehim in dizamina;

3.15. Illi illum is-socjeta` rikorrenti hi sprovvista mill-ufficjali kollha taghha – inkluzi mid-diretturi – u ghalhekk jiggustifka l-azzjoni tal-bank intimat li jigbor il-flus lilhu dovuti mis-socjeta` rikorrenti;

3.16. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

3.17. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet datat is-26 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu hatret lill-Imhallef Supplenti hemm indikata, (ara foll 61);

5. Rat id-digriet datat is-28 ta' Gunju, 2017, li permezz taghha, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 377), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 381 u 382, u 395 u 396);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-25 ta' Settembru, 2017, (ara foll 383), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank intimat datata s-16 ta' Novembru, 2017, (ara foll 397);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

9. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi s-socjeta` "*Betclass Limited*", socjeta` estraneja ghall-procedura odjerna, iffirmat kuntratt ta' self u ta' rahan datat il-21 t'April, 2011, (ara foll 8);

10.2. Illi permezz tal-istess ftehim indikat fil-paragrafu precedenti l-bank intimat sellef lis-socjeta` hemm ukoll indikata l-ammont ta' €40,000.00 taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm elenkati;

10.3. Illi bhala garanzija ghall-pagament tal-ammont hekk misluf is-socjeta` *de quo* offriet lill-bank intimat kreditur rahan ta' "*Term Deposit Account*" li hi stess kellha mal-imsemmi bank intimat, (ara foll 13), liema ftehim ghalkemm iffirmat pero` mhux datat;

10.4. Illi bil-ftehim sussegwenti anness mal-originali gie itterminat ir-rahan tat-"*Term Deposit Account*" u minfloku tpogga bhala rahan kont kurrenti tas-socjeta` rikorrenti li kien mizmum fl-istess bank intimat;

10.5. Illi l-imsemmi ftehim indikat bhala *addendum* mill-partijiet kien gie iffirmat minn Gianni Dorini, persuna ta' nazzjonalita` Taljana li skont is-socjeta` rikorrenti ma jifhimx bil-lingwa Ingliza;

10.6. Illi l-imsemmi Dorini jsosstni li waqt l-iffirmar tal-imsemmi *Addendum* ma kienx infurmat mill-bank intimat li kien qieghed proprju jpoggi l-imsemmi kont kurrenti in sostituzzjoni tar-rahan originali bhala rahan favur il-bank intimat;

10.7. Illi skont it-termini tal-ftehim in dizamina l-bank intimat informa lis-socjeta` rikorrenti li kien ser jigbor l-ammont lilu dovut, (ara foll 22 u 23);

10.8. Illi biex twaqqaf l-istess operat tal-bank intimat, is-socjeta` rikorrenti talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-istess bank, (ara foll 24);

Ikkunsidrat:

11. Illi s-socjeta` rikorrenti jirrizulta li fl-operat taghha mal-bank intimat poggiet kont kurrenti li hi stess kellha mal-imsemmi bank bhala rahan;

12. Illi fit-22 t'Ottubru, 2013, il-bank intimat informa lis-socjeta` rikorrenti li ma kienx qed jirrikonoxxi l-istess kont kurrenti bhala rahan, u dan, b'mod retroattiv, (ara foll 18);

13. Illi Gianni Dorini hu l-firmatarju tal-ftehim, (ara foll 11), tal-*Annex*, (ara foll 12), u tal-*Addendum*, (ara foll 13);

14. Illi l-istess Dorini jirrizulta li kien jirrapprezenta kemm lis-socjeta` rikorrenti kif ukoll lis-socjeta` *Betclass Limited*, (ara foll 279 u 243 rispettivament);

Ikkunsidrat:

15. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li Dorini ma fehemx dak li iffirma peress li kemm l-*Annex* u l-*Addendum* kienu redotti bil-lingwa Ingliza liema lingwa ma jifhimiex;

16. Illi konsegwentement, il-kunsens tal-imsemmi Dorini hu vizzjat bi zball u/jew b'qerq, u bil-*mala fede* tal-bank intimat;

17. Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti ssosstni li l-ftehim in dizamina hu affett minn zball essenzjali li jirrendi l-istess ftehim null u minghajr effett;

18. Illi min-naha tieghu l-bank intimat isosstni li l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti f'dan ir-rigward tal-karenza lingwistika ta'

Dorini li ilu jiffirma dokumenti bl-Ingliz kemm ilu Malta, (ara foll 243 u 279), mhix kredibbli;

Ikkunsidrat:

19. Illi l-procedura odjerna hi ibbazata fuq l-ariklu 974 tak-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, (minn issa ’l quddiem Kap 16), li jistipula s-segwenti:

> “Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b’eghmil doluz, ma jkunx jiswa”;

20. Illi fis-sentenza tal-**Prim’Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Socjeta`** ***Fortress Insurance Brokers Limited vs.*** **Gordon Shephard**, **Volum LXXXI (1997), It-Tielet Parti**, datata s-**6 t’Ottubru, 1997, p. 193** intqal is-segwenti:

> “Billi l-kunsens huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, isegwi li kemm -il darba dan il-kunsens ikun nieqes billi jigi ddikjarat li jkun affett b’xi mod kif jinghad fl-artiklu 974, allura kull obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt ma tibqax torbot lill-kontraenti”;

Ikkunsidrat:

21. Illi jibda biex jinghad illi spetta lir-rikorrenti li jipprova l-allegazzjoni tieghu sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili;

22.0. Illi ghaldaqstant, biex wiehed jasal ghal konkluzjoni serena dan necessarjament ghandu janalizza s-segwenti:

22.1. Analisi ta’ fiex jikkonsisti l-vizzju tal-kunsens ikkawzat minn zball, vjolenza, jew eghmil doluz fid-dawl tal-gurisprudenza lokali;

22.2. Applikazzjoni tal-insenjament gurisprudenzjali fuq riferit ghac-cirkostanzi partikolari rizultanti fil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

23. Illi **zball dwar il-ligi** hu trattat fl-artiklu 975 tak-Kap 16 li jghid li:

> "L-izball dwar il-ligi ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu";

24. Illi **zball dwar il-fatt** hu trattat fl-artiklu 976 tal-istess Kap 16:

> "(1) L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim;
>
> "(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-izball jaqa' biss fuq il-persuna li maghha jkun sar il-ftehim, hlief meta l-ghazla ta' dik il-persuna tkun il-kawza ewlenija ta' dak il-ftehim";

Ikkunsidrat:

25. Illi tenut kont tal-artikli fuq riprodotti jirrizulta pacifiku li hu necessarju li l-izball irid ikun wiehed **sostanzjali** – senjatament, **wiehed li jolqot is-sustanza tal-haga nnifisha**;

26. Illi kif irriteniet il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Ludvic Catania vs. Carmel *sive* Charles Bianco *nomine***, datata s-**16 ta' Settembru, 2**011, fejn fir-rigward irriteniet is-segwenti:

> "Hu necessarju illi l-izball ikun sostanzjali. Il-ligi taghna tghid illi l-izball ta' fatt ma jgibx in-nullita` tal-konvenzjoni jekk mhux meta jaqa' fis-sostanza tal-haga li tkun oggett. Mela f'dan il-kaz hemm bzonn illi kien hemm zball fis-sustanza, jew, kif tghid id-dottrina u l-gurisprudenza, anki fil-"kwalita` sostanzjali" ta' dik il-haga. Il-**Laurent**, li jikkommenta disposizzjoni simili ghal taghna (art. 1110 tal-Kodici Franciz) jiccita fuq din il-materja lil **Pothier** li jghid x'ghandna nifhmu bi zball fis-sustanza.
>
> "L'errore annulla la convenzione, eghli dice, quando cade sulla qualita` della cosa che le parti hanno avuto

principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa (ara **Pothier. *Des Obligations*, n.18**).

*L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`; ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; il bisogna che esso cada su di una qualita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quella che decidera` se una qualita` e` o no principale; bisogno vedere cio` che hanno avuto di mira le parti contrattando. E` il caso di applicare il principio di **Domat** – 'Se le parti non avrebbero contrattato se avessero saputa che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano, l'errore sara` sostanziale e viziera` il consenso. Se per contrario, le parti avessero ontrattato pur sapendo che la cosa non aveva quella tale qualita`, l'errore non viziera` il consenso e non annullera` il contratto ... La questione e` dunque in sostanza una questione d'intenzione, vale a dire, che il Magistrato deve deciderela secondo le circostanze della causa' (**Laurent, Diritto Civile, Vol. 15, no. 488**).*

Ikkunsidrat:

27. Illi ghalhekk, biex tkun tista tirnexxi azzjoni fejn ikun allegat **vizzju tal-kunsens** minhabba **qerq**, hu necessarju li jigi ippruvat li dan ikun tali li jqarraq anke bil-persuna li tkun hadet il-pariri taghha u imxiet b'kawtela;

Ikkunsidrat:

28. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Sam Investments Limited* vs. Cornelius Francis *sive* Maurice Scifo Diamantino *et***, datata t-**30 ta' Mejju, 2017**, fejn gie ritenut is-segwenti:

"Sabiex kuntratt ikun ivvizzjat b'qerq jehtieg li mhux biss issir il-prova tal-qerq izda ghandu jirrizulta wkoll dan kien determinanti ghall-volonta` tal-parti mqarrqa (*dolus causam dans contractui*)";

29. Illi jigi sottolineat li *a tenur* tal-artiklu 981 (2) tal-Kap 16, l-eghmil doluz:

> "... ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ippruvat";

Ikkunsidrat:

30. Illi rigward l-allegata **vjolenza** terga ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ludvic Catania vs. Carmel *sive* Charles Bianco *nomine*** fuq riferita, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel), li issottolineat is-segwenti:

> "Biex vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita` tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut il-kunsens u biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza` li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hi indagini li hi imhollija interament fil-prudenza tal-gudikant, (**ara Kollez. Vol. XXIX.11.749**)";

Ikkunsidrat:

31. Illi applikat l-insenjament gurisprudenzjali fuq espost isir issa analisi tal-fatti kif esposti fil-procedura in dizamina biex jigi hekk determinat jekk tirrizultax assodata l-premessa tas-socjeta` rikorrenti li qabel jew waqt ir-redazzjoni tal-kuntratti in meritu, kienx hemm zball, vjolenza jew eghmil doluz li permezz taghhom l-istess kuntratti jigu allura necessarjament dikjarati nulli u minghajr effett;

32. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li hi qatt ma riedet u lnaqas kienet konxja li kienet qed tissottometti l-kont kurrenti in kwistjoni bhala rahan ghall-obbligazzjonijiet taghha mal-bank intimat;

33. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ssosstni li l-bank intimat qatt m'infurmaha dwar it-tibdil li wassal ghar-rahan *de quo*;

34. Illi *di piu`*, meta Dorini mar ghan-nom taghha biex jiffirma z-zieda li permezz taghha tpogga l-kont kurrenti in kwistjoni bhala rahan, dan jafferma li la kien jaf jaqra u lanqas jifhem bil-lingwa Ingliza li din iz-zieda inkitbet biha;

Ikkunsidrat:

35. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Charles u Mary konjugi Spiteri vs. *Associated Supplies Limited***, datata l-**20 t'Ottubru, 2003**, li ssottolineat is-segwenti:

> "Fir-rigward hi gurisprudenza pacifika illi biex jinvalida ftehim l-izball irid ikun sostanzjali, skuzabbli u determinanti. Dan tal-ahhar fis-sens li minghajru l-parti li tkun ikkuntrattat taht l-izball ma kienitx taghti l-kunsens taghha kieku kienet taf il-verita`. (Ara "**Michael Cachia – vs. Dr. Frank X. Vassallo**", **Appell Civili, 20 ta' Ottubru, 1961**). Kwantu ghal kriterju tas-sostanzjalita` jinsab generalment ritenut li zball soggettiv jista' jkun bizzejjed (**Vol XXIV p I p 1131; Vol XXXIV p III p 753**). Gie pero` aktar approfondit illi ghalkemm zbalji ta' natura soggettiva kapaci jikkondizzjonaw il-kunsens fl-attur dawn "ma jikkostitwux l-izball oggettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita` preciza, l-kwalita` intrinsika tal-oggett, li huwa l-izball li l-ligi tirrikonoxxi bhala l-element li effettivament jannulla l-kunsens mehtieg ghall-validita` ta' kull kuntratt" – "**Spiridione Cauchi vs. Amelia Borg *et***", **Appell, 11 ta' Gunju, 1992**;
>
> "Fl-ahharnett, biex zball jitqies skuzabbli dan jigri meta jkun kawzat mill-fatt tal-parti l-ohra. Anke hawn pero` gie ritenut illi ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fattijiet li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli (**Vol L p II p 434**)";

36. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **George Cini vs. George Felice** datata s-**27 ta' Gunju, 2008**, li filwaqt li irreferiet ghas-sentenza **Pisani vs. Mamo**

moghtija mill-**istess qorti** fis-**7 ta' Novembru, 1933**, irriteniet is-segwenti:

> "... la dottrina da accettarsi sulla soggetta materia e` quella secondo qui l'errore no puo` addursi quando e` effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche` con lieva diligenza, perche` in tal caso e` da applicarsi la massima *qui sua culpa* damnun *sit non videtur damnum* sentire" (ara wkoll is-sentenza ta' din il-qorti fil-kawza **Cachia v. Vassallo** moghtija fl-**20 ta' Ottubru,1961**)";

Ikkunsidrat:

37. Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata ghandu jkun pacifiku li biex zball ikollu l-effett li jannulla l-att kolpit bih irid ikun wiehed sostanzjali, skuzabbli, u determinanti;

38. Illi allura jekk zball ikun skuzabbli dan ma jkollox l-effett nefast ippostulat mis-socjeta` rikorrenti;

39. Illi minghajr ma tidhol fil-mertu dwar jekk l-allegazzjoni ta' Dorini hix wahda verosimili jew le, tenut kont tal-fatt li kien ilu jiffirma dokumenti bl-Ingliz, fosthom il-*Memorandum and Articles* kemm tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 210), u tas-socjeta` "*Betclass Limited*", (ara foll 280), jekk verament hass li kien lingwistikament zvantaggat meta iffirma l-atti in dizamina mas-socjeta` intimata ma kellu jaghmel xejn aktar hlief li jitkellem fil-mument propizju u jigbed l-attenzjoni ta' din il-karenza tal-kontroparti, jew addirittura li jmur ghall-istess laqgha mal-bank intimat eskortat u suffragat minn assistenza legali lokali li zgur kienet timla kwalunkwe lakuna lingwistika fir-rigward;

40. Illi jigi sottolineat li fl-ahjar ipotesi l-operat ta' Dorini jittradixxi traskuragni kbira daparti tieghu meta bhala Direttur ta' socjetajiet operanti f'Malta f'kamp tal-loghob tal-azzard li hu mifrux ferm lil hemm minn xtutna xorta wahda, jiffirma fuq dokument vinkolanti minghajr ma jifhem dak li kien qed jiffirma, u ghalhekk jintrabat ghalih, nonostante dak minnu allegat fir-rigward;

41. Illi ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta t-tezi tas-socjeta` rikorrenti, haga li din il-qorti mhix qed taghmel, dan ma jirrizultax li jammonta ghal zball kif rikjest mill-ligi li jwassal biex il-ftehim hekk redatt ikun null u minghajr effett;

Ikkunsidrat:

42. Illi di piu`, is-socjeta` rikorrenti issosstni li hi qatt ma riedet tpoggi l-kont kurrenti in kwistjoni bhala rahan ghall-obbligu precedenti assunt;

43. Illi f'dan ir-rigward issosstni li l-bank intimat kien informa lil Dorini biss bit-tibdil fl-interessi u fir-rifinanzjament izda qatt m'infurmah bir-rahan in kwistjoni;

44. Illi konsegwentement issosstni li Dorini ma kienx jaf li hu kien qieghed ipoggi bhala rahan il-kont kurrenti tal-klijenti tas-socjeta` rikorrenti;

45. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Alfred Mizzi & Sons (*Marketin*g) Limited vs. *More Supermarkets et***, datata-**27 ta' Gunju, 2017**:

> "Il-Qorti kompliet tispjega li sabiex qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u allura jhassar is-siwi tal-kunsens, jehtieg li: (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet; u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra";

46. Illi jigi sottolineat li l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti ma tirrizultax sostenuta bl-ebda mod – la fil-fatt, u lanqas fid-dritt;

47. Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi migbura *in atti* ma jirrizultax li l-kunsens moghti minn Dorini fic-cirkostanzi fuq esposti kien gie b'xi mod karpit b'qerq u/jew bi vjolenza, u dan, la mill-bank intimat u lanqas minn terzi;

48. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta l-vizzju tal-kunsens minhabba qerq u/jew vjolenza kif ippostulat mis-socjeta` rikorrenti f'tentattiv iddisprat li tezimi ruhha mir-responsabbilitajiet taghha favur il-bank intimat;

Ikkunsidrat:

49.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha kontra l-bank rikorrenti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

49.1. Takkolji r-risposti guramentati tal-bank intimat;

49.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

49.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura ikunu interament kontra s-socjeta` rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**